# L-Iskultur Ġanni Bonnici

Kitba ta' Hermann Bonnici

L-Iskultur Ġanni Bonnici, minn kmieni wera l-ħajra tiegħu għall-arti ta' l-iskultura. Għadu tfajjel kien iqatta' ħafna ħin ipinġi jew jifforma xi figuri bit-tafal li kien jiġbor minn inħawi qrib il-Mosta, fejn twieled fl-1932.

Kien ukoll joħloq statwetti u annimali bl-għaġina li kien isib fil-forn tal-familja. Kellu biss xi ħdax-il sena meta l-ħila kreattiva tiegħu ġibdet l-attenzjoni ta' Victor Fleri Soler, l-għalliem ta' l-arti fl-iskola primarja li aktar tard laqgħu ma' Ġużeppi D Schembri, Mosti ieħor, li ħajru jibda jmur miegħu l-Iskola ta' l-Arti fi Triq l-Ifran il-Belt. B'hekk Ġanni f'Ottubru 1945, wara laqgħa mal-Pittur Edward Caruana Dingli u l-iskulturi vincent Apap beda l-istudji tiegħu. Dan ta' l-aħħar għallmu d-disinn, ma' l-iskultur Antonio Micallef tgħallem il-mudellatura u l-iskultura għal tliet snin u matul sitt snin l-iskultura wkoll ma' George Borg. Fl-Iskola ta' l-Arti segwa wkoll il-lezzjonijiet ta' l-Istorja ta' l-Arti li kien jagħmilhom bl-entużjażmu tipika tiegħu Carmelo Attard Cassar.

Ġanni Bonnici fl-1954 rebaħ il-Borza ta' Studji ta' l-Arti biex ikompli jistudja f'Ruma, imma kien għadda minn esperjenza oħra fl-arti minbarra t-tagħlim li kien ħa. Żagħżugħ mimli entużjażmu għall-arti mar iqatta' l-ġebla ma' Ġużeppi Barbara f'xogħol ta' skultura dekorattiva tal-koppla l-ġdida fil-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba, wara t-tiġrif tal-Gwerra, kif ukoll fuq xogħol ieħor fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien. Ġanni wera li kien anke kapaċi jaħdem waħdu fi żmien l-arċipriet tal-Mosta Dun Pawl Galea meta għemel xogħol f'żewġ kopletti tar-Rotunda. Żied esperjenza meta għal tliet xhur ħadem ma' l-iskalpellino George Borg Farrugia fil-Knisja ta' l-Erwieħed u fil-Casino Maltese, it-tnejn fil-Belt Valletta.

Ġanni Bonni qata' xewqtu li jmur ruman, għall-ewwel darba meta mar għall-Anna Santo, 1950. hemm seta' jitgħaxxaq bil-monumenti u l-arti fil-mużewijiet. Fil-Galleria d'Arte Moderna fost xogħlijiet oħrajn impressjonaħ ix-xogħol ta' l-iskultur impressjonista Medardo Rosso. L-esperjenza ta' Ruma, miżjuda ma' snin ta' studju, għenitu biex jifforma ruħu bħala artist skultur.

L-għarfien ta' Ġanni bħala student fl-Iskola ta' l-Arti li jipprometti kien apprezzat mill-Onorevoli Cecilia de Trafford, imwielda Strickland li ħajritu biex imur jaħdem magħha fil-fabrika taċ-ċeramika li kienet se tiftaħ f'Villa Bologna, H'Attard. Hemm sar midħla tat-teknika taċ-ċeramika. Il-talent ta' Bonnici kien apprezzat ukoll minn Charles Bone, pittur u ċeramista, u martu Shiela Mitchell, ċeramista u skultriċi, it-tnejn professuri fir-Royal College of Art ta' Londra li kien f'Villa Bolonga biex jagħtu pariri siewja tagħhom. Dawn marru jiltaqgħu ma' Bonnic fi Stoke on Trent meta attenda kors ta' sena (1953-54) fis-Ceramics College ta' hemmhekk, li kien sussidjat minn de Trafford.

Esperjenzi oħra ħadhom meta fl-19534 reġa' waqaf Ruma fi triqtu għal Firenze u Milan fejn żar il-fabrika ta' l-Arti Dekorattiva Bertolotti. Fl-Italja sab ukol l-opportunità biex iżur il-fabrika ta' Ginori u biex jattendi kors fit-teknika taċ-ċeramika fl-Istituto Statale d'Arte per la Ceramica G. Ballardini. Fl-istess sena, wara żmien bħala mistieden għand il-familja Bone fl-Ingilterra, kompla xogħol għal de Trafford ta' oġġetti dekorattivi biex ifakkru l-miġja tar-Reġina Elizabbetta li kellha ssir f'Mejju 1954.

F'Ottubru ta' l-1954 Bonnici beda kors ta' erba' snin fl-Accademia di Belle Arti ta' Ruma (1954 – 1958) li wasslitu biex ħa Diploma fl-Iskultura meta rebaħ il-borża ta' studju ta' l-Iskola ta' l-Arti wara eżami li kien sar xi żmien qabel. L-ewwel sentejn ta' studju kienu finanzjati mill-Agnes Schembri Bequest waqt li s-sentejn l-oħra mill-fondi ta' l-Iskola ta' l-Arti li kien ilha minn qabel il-Gwerra ma' tuża l-finanzi għall-istudju barra minn Malta.

F'Ruma, Bonnici attenda korsijiet li wassluh għal Diploma f'ħiliet relatati mal-Kors ta' l-Akkademja bħal skultura fl-injam fis-Scoula d'Arte Ornamentali u ċ-ċeramika f'żewġ istutizzjonijiet fl-Istituto d'Arte di Roma (1954–56) u l-iScoula della Ceramica f'Mote Mario (1956–58). Kors ieħor segwiħ fl-iScoula d'Arte della Madaglia (la Zecca) waqt li fl-għaxijiet attenda kors ta' disinn minn nudo fiċ-Circolo Artistico ta' Via Margutta, post frekwentat minn ħafna studenti u artisti fosthom Franco Gentilini u Pericle Fazzini. Dan ta' l-aħħar għamel l-istatwa ta' Kristu Rxoxt fis-Sala Ġwanni Pawlu II fil-Vatikan.

Fl-erba' snin li Ġanni studja fl-Akkademja ta' Ruma ħa t-tagħlim minn diversi professuri; l-ewwel sena Guido Calori u l-assistent tiegħu Nicola Catuatella u s-snin l-oħrajn Alessandro Monteleone u l-assistenta tiegħu Elena Molè. Minbarra teknika

f'divesi materjali, il-kors fl-iskultura kien jinkludi wkoll xogħol fl-irħam, li Bonnici tgħallem mingħand il-professuri Giovanni Ardini u Biagio Poidimani. L-istudju ta' l-anatomija Bonnici ħadu mingħand il-Prof. Lazzarita u l-assistenta tiegħu Raul Visconti. Bi skultura tiegħu Kristu jiddisputa mad-Dutturi, alto-riljev, Bonnici rebaħ l-ewwel premju f'kompetizzjoni għall-arti reliġjuża mnedija għal studenti ta' erba' akkademji minn Ruma, Venezja, Firenze u Napli. Din kienet organizzata mis-Soċjetà Pro-Civitate Cristiana ta' Assisi.

Ġanni Bonnici kellu opportunitajiet għal aktar sudji fl-arti meta fl-1960 attenda kors taċ-ċeramika ta' tliet xhur fl-Accedemia di Belle Arti Pietro Vanucci ta' Perugia bħala borza ta' studji mill-Konslu Taljan. Wara li għallem id-Disinn għal ftit żmien fl-Iskola ta' l-Arti (1960-61) Ġanni għamel sena ta' studju f'Londara fl-Istitute of Education ta' l-Università u fil-għaxija kien jattendi s-Slade School of Art fl-1970. Għamel studji oħrajn fiċ-ċeramika u fl-iskultura fil-Landesfachscule Fur Keramik fi Stoob, Burgenland, l-Awstrija. Fl-1978 u sena wara attenda żewġ korsijiet fl-Ingliterra wieħed Design in Secondary Schools issussidjat mill-Kunsill ta' l-Ewropa fil-Leicester Polytechnic College of Education u l-ieħor *Design and Technology* fil-Loughborough University of Technology.

It-tagħlim taċ-ċeramika għall-ewwel darba fl-iskejjel statli f'Malta bdieh Bonnici meta ġie lura mill-kors f'Akkademja ta' Ruma fl-1958. Sena wara nħatar Master fl-Arti u ċ-ċeramika f'St. Joseph Secondary Techinical School, Raħal Ġdid. Dan kien maħsub minn sena qabel f'ittra ta' John Axisa, Direttur ta' l-Edukazzjoni Teknika lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni fejn Bonnici ġie msemmi bħala dak li għandu esperjenza twila fiċ-ċeramika ma' Mrs. De Trafford u Mr Vincent Apap faċilment iqisu l-aħjar persuna għal din il-ħatra (traduzzjoni mill-Ingliz). Bejn l-1959 u l-1976 għallem iċ-ċeramika f'korsijiet ta' fil-għaxija li wasslu bosta studenti)ħafna minnhom illum magħrufin) għall-eżamijiet tal-GCE 'O' u 'A' Levels. Bonnici għen biex ġie organizzat it-tagħlim taċ-ċeramika fi skejjel privati wkoll u Mrs. Gladys Gienshaw, eżaminatriċi fl-eżamijiet ta' Oxford esprimiet l-opinjoni tagħha dwar Bonnici meta f'ittra tagħha stqarret 'nixtieq li kull għalliem taċ-ċeramika jkun effiċjenti daqsu'. Kien Ġanni Bonni li waqqaf il-Malta School of Arts and Crafts f'Targa Gap il-Mosta fejn baqa' jgħallem iċ-ċeramika waqt li kien master in charge. Kellu jieqaf mit-tagħlim meta nħatar Kap ta' din l-iskola u rtira mis-servizz mal-gvern fl-1993.

Ġanni Bonnici ilu bosta snin apprezzat ħafna bħala ċeramista u skultur li b'ħila kbira juża mterjal differenti. Xogħlijiet tiegħu fit-terrakotta, ċeramika, ġebel, bronż, rħam u konkrit jinsabu fid-djar privati, f'postijiet pubbliċi u fi knejjes. Il-pubbliku ilu midħla tax-xogħlijiet tiegħu minn esibizzjonijiet kollettivi u personali, fosthom dik retrospettiva li xehdet il-ħila tiegħu matul karriera attiva. Din kienet organizzata mill-Bank of Valletta li ħareġ katalgu illustrat b'kitba tal-wisq mibki Emmanuel Fiorentino. Ħafna mix-xogħol ta' Bonnici sar fuq kummissjoni li fhemu l-ħila ta' l-artist li fl-iskultura tiegħu dejjem tinħass l-espressjoni artistika ġenwina, u fl-arti reliġjuża din tinħass ukoll f'sentiment reliġjuż li hu meħtieġ. Dawn il-kwalitajiet jidru tajjeb f'xogħlijiet b'materjal u daqsijiet differenti fosthom: Il-Figuri ta' fidi, Tama u Karità fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata (1961), San Ġużepp Ħaddiem fl-Iskola Sekondarja Teknika r-Raħal Ġdid (1963); Marija Reġina fl-Iskola, il-lum Junior Lyceum, Blata l-Bajda (1965); San Mikiel għat-Teachers' Training College, Ta' Giorni (1967), (illum qiegħed fiċ-Ċentru tal-Paċi Ħal Far), Mose u Elija fil-faċċata tal-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa, San Franġisk ta' Assisi, fit-Triq ta' Baħar iċ-Ċagħaq u ieħor fil-ġnien ta' Porziuncola House, Marija Omm il-Maltin mal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali ta' Burmarrad. Ta' min isemmi wkoll l-istatwi ta' Santu Wistin, Sant'Ambroġju, San Glormu u San Leo Magno għall-Knisja ta' San Girgor, tas-Sliema (1966); Maria Goretti u San Tarċisju għall-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesù fil-Mosta (1968) u r-riljevi tar-Ragħaj it-Tajjeb u ta' l-Evanġelisti fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa (1969) fejn Bonnici għamel ukoll alto riljevi fil-lunetti ta' taħt il-koppla li juru lil Isaija, Guditta, David u Ester.

Dawn ix-xogħlijiet kienu kollha mfaħħrin mill-kritiċi u mill-pubbliku.

Hawn ta' min isemmi l-kurċiffisi espressivi li Bonnici għamel għall-knejjes parrokkjali ta' Santa Luċija, ta' San Bastjan Ħal Qormi, għall-kappella tas-sorijiet ta' Santa Katarina, H'Attard ieħor għall-Kappella tal-Pwales u għal Capua Palace Hospital. L-oriġinalità ta' dan l-iskultur tidher fir-tabernakli li għamel għall-knejjes parrokkjali ta' Santa Luċija, ta' San Bastjan Ħal Qormi, fil-Kappelli ta' San Alwiġi, Birkirkara, tal-Kunvent tas-Sorijiet ta' Santa Katarina, H'Attard u tal-Kunvent ta' Fra Diegu fil-Ħamrun. Skultura kbira u oriġinali magħmula minn kompożizzjoni fl-irħam li Ġanni Bonnici għamel fiċ-ċimiterju fl-Addolorata hija dik ta' Kristu Rxoxt (1991).

Fis-Santwarju Marjan tal-Mellieħa l-Papa Ġwanni Pawlu II, f'Mejju 1990, inawgura riljiev tal-bronz ta' Bonnici. Fil-knisja Holy Martyrs of Japan fi Bradfod il-Kanada nsibu Kristu Rxoxt, xogħol tiegħu. Hemm ukoll, xi żmien wara Bonnici għamel riljiev maestuż ta' aktar minn tmienja u erbgħin pied li jfakkar is-sitta u għoxrin martri tal-Ġappun.

Il-ħila artistika ta' Ġanni Bonnici tidher sewwa wkoll fil-monumenti pubbliċi. Fost dawn jispkka il-monument maestuż ta' l-Indipendenza fil-Furjana f'kompożizzjoni oriġinali li tesprimi moviment u enerġija. Xejn anqas artistiċi huma monumenti oħrajn

bħal dawk ta' Nikola Zammit (1977) u ta' Karmenu Vassallo (2007), it-tnejn fis-Siġġiewi, dak ta' E. B. Vella fil-Mosta u l-monumenti li jfakkru l-Vittmi tal-Gwerra fl-Isla, fil-Mosta u f'Ħ'Attard.

Bonnici sa mill-bidu tal-karriera artistika tiegħu ħadem busti tal-protagonisti Maltin għal diversi istituzzjonijiet u ta' membri ta' familji li jinkludu riljev tal-bronz ta' Dr. George Borg Olivier.

L-esperjenza u t-tagħlim li Bonnici ħa fl-iScoula d'Arte della Medaglia wassluh biex tana xogħol li jurina li huwa medalista mill-aqwa. Minbarra li ħa sehem f'esibazzjonijiet barra minn Malta, għamel numru mhux ħażin ta' medalji fosthom dik li tfakkar l-għaxar anniversarju mill-inkurunazzjoni tal-pittura titulari ta' l-Assunta fir-Rotunda tal-Mosta, tal-ħamsin anniversarju tal-parroċċa ta' San Bastjan, Ħal Qormi (1986) tal-mija u ħamsa u għoxrin anniversarju tal-Banda Nicolò Isouard, il-Mosta, 1996 u tal-mija u ħamsin anniversarju tal-Malta Chamber of Commerce. Fl-1999 għamel ukoll medalji għall-Bank of Valletta, l-Air Malta u għas-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali La Vallette. Fis-sena elfejn, medalja xogħol ta' Bonnici fakkret żewġ ġrajjiet: il-Ħamsin Sena mid-Domma ta' l-Assunta u l-ħamsa u għoxrin sena mill-inkurunazzjoni tal-pittura titulari tal-Mosta.

L-istess ħila bħal dik meħtieġa għal muniti Ġanni Bonnici wriħa meta għamel riljevi għall-muniti ta' ħames liri, deheb u fidda, biex titfakkar il-vista tal-Papa f'Mejju 1990 u fl-1991 għall-minuti deheb u fidda bl-istess valuri, biex ifakkru l-għoxrin anniversarju mill-ftehim ta' l-assoċjazzjoni bejn Malta u l-Komunità Ekonomika Ewropea. Dawn kienu maħruġin mill-Bank Ċentrali ta' Malta.

Riljiev trittiku ta' Bonnici deher fuq il-bolol tal-Milied fl-1985, valuri ta' żewġ ċenteżmi, tmien ċenteżmi u għoxrin ċenteżmu. Dawn ġew ivvutati mill-filatelisti bħala favoriti fost il-bolol tal-Milied kollha li ħarġu dik is-sena. Xogħol tiegħu fiċ-ċeramika deher fuq il-bolla ta' l-għola valur ta' sittin ċenteżmu f'serje ta' ħames valuri Ċeramika f'Kollezzjonijiet Maltin (2006) li juru minn statwetta minn Skorba taċ-Ċeramika kontemporanja ta' Bonnici.

L-iskultura ta' Bonnici f'kull materjal li kapaċi jħaddan fl-arti tiegħu, fuq kollox tmur lil hinn mill-materjal li juża u tesprimi spiritwalità personali li, fl-arti reliġjuża taf tqanqal devozzjoni. L-istil tiegħu malajr jingħaraf u jiddistingwieh bħala skultur li ilu juri maturità u li għad baqagħlu x'jagħti bl-arti tiegħu. Dan l-għarfien ġie minn bosta persuni li xtaqu javviċinaw lilu għal xogħol li joħroġ minn sinċerità ġenwina.

Ġanni Bonnici qed jagħti kontribut lis-soċjetà Maltija anki bis-sehem tiegħu, fuq stedina, bħala membru ta' bordijiet biex jintgħażlu għalliema ta' l-arti, ċeramika u kommunikazzjoni grafika u biex jintgħażlu xogħlijiet f'wirjiet u kompetizzjonijiet. Kien membru fl-Ewwel Malta Arts Council, fil-Coinage Advisory Board tal-Bank Ċentrali ta' Malta u membru u viċi-Chairman fil-kumitat Festi Nazzjonali. Għal ħafna snin kien membru fil-Kunsill tas-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ (1997-93) u mill-1972 membru ta' l-i*Stamp Advisory Board*. Fl-1996 inħatar president tal-kunsill ta' l-iSkola ta' l-Arti.

Bonnici ġie onorat bosta drabi. Fost dawn insibu l-Italast Award (l-Artist tas-Sena – 1982) mill-Associazione Nazionale D'Arte Culturale d'Italia; il-midalja tad-deheb mogħtija lilu fl-1990 mis-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ u l-Premju Citta di Valletta għall-Arti tiegħu mill-Editore Vincenzo Ursini ta' Catanzaro, l-Italja, b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda Poeti Maltin. Ġie mogħti wkoll Ġieħ il-Mosta fl-1999 u fl-2002 irċieva l-unur prestiġjuż M.O.M. (Membru ta' l-Ordni Nazzjonali għall-Mertu), mill-President ta' dak iż-żmien, Guido de Marco, fil-Palazz tal-President.

Lil dan l-iskultur nifirħulu għax-xogħol tiegħu u nawguráwlu li għal ħafna snin aktar jibqa' jagħtina xogħlijiet li jagħmlu ġieħ lilu u lil Malta tagħna.

Bħalissa l-iskultur Bonnici qiegħed jaħdem ta' kobor naturali ta' San Ġorġ Preca għall-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu l-Ħamrun.



*Ġanni Bonnici waqt ix-xogħol fil-Ġibs.*



*Ġanni Bonnci mas-Segretarju Martin Ellul.*